**PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. CHRISTIAN FALZON SCERRI**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa, 3 ta' Frar, 2023**

**Rikors Nru: 589/2021**

***L-AVUKAT DOTT. RENZO PORSELLA FLORES U L-P.L. DAVINA SULLIVAN BĦALA KURATURI DEPUTATI BIEX JIDHRU GĦALL-WIRT BATTAL TA' SALVATORE GRIMA***

***VS.***

***IR-REĠISTRATUR TAL-QRATI ĊIVILI U TRIBUNALI, ANTHONY BRINCAT, RITA BRINCAT, DOTT. PIO VALLETTA U L-P.L. GERALD BONELLO***

**Il-Qorti**:

1. Din hija sentenza finali dwar azzjoni mibdija mill-kuraturi deputati l-avukat Renzo Porsella Flores u l-Prokuratur Legali Davina Sullivan taħt l-**artikolu 64** tal-**Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta** sabiex ir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali jiġi ordnat jaħdem u joħroġ taxxa ġdida dwar l-ispejjeż ġudizzjarji li jolqtu d-drittijiet tagħhom fil-proċeduri quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fl-ismijiet ***Anthony Brincat et v. Kuraturi Deputati (Rikors Maħluf Numru 529/2012AE)***;

***Daħla***

2. B'rikors imressaq fis-**<u>16 ta' Ġunju, 2021</u>**, il-kuraturi deputati fissru li hemm avarija

kbira fid-drittijiet tagħhom bejn il-parti li tmiss mal-proċeduri ta' quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili u l-parti li tmiss mal-proċeduri ta' quddiem il-Qorti tal-Appell, u dan b'rabta mal-kawża ***Anthony Brincat et v. Kuraturi Deputati (Rikors Maħluf Numru 529/2012AE)***. Filwaqt li fejn għandu x'jaqsam mal-proċeduri ta' quddiem il-Qorti tal-Appell it-taxxa nħadmet fuq valur ta' €1,462,162 (i.e. is-somma li Anthony Brincat *et* kienu qegħdin jippretendu li jirċievu mill-kawża), min-naħa l-oħra fejn għandu x'jaqsam mal-proċeduri ta' quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili t-taxxa nħadmet fuq valur ta' €50,000 (i.e. is-somma li ġiet likwidata bħala kumpens mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili);

3. Fil-fehma tal-kuraturi, it-taxxa tal-ispejjeż ġudizzjarji li jolqtu l-proċeduri ta' quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili kellhom jinħadmu wkoll fuq il-valur ta' €1,462,162, hekk bħalma nħadmu fil-proċeduri ta' quddiem il-Qorti tal-Appell. Għalhekk huma fetħu din il-kawża u talbu lil din il-qorti sabiex:

> *«tħassar it-taxxa hawn mehmuża fil-kawża msemmija aktar 'il fuq u tordna li minflokha tkun redatta taxxa oħra maħduma kif imiss, senjatament id-dritt dovut tal-prim'istanza.»*

4. Waqt l-ewwel smigħ tat-13 ta' Lulju, 2021 (ara paġna 7A tal-atti tal-kawża), l-avukat Pio Valletta ddikjara li kemm hu u kif ukoll l-intimati Anthony Brincat, Rita Brincat u l-P.L. Gerald Bonello ma kinux sejrin iwieġbu bil-miktub għal dan ir-rikors;

5. L-intimat Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali ġie notifikat b'dan ir-rikors fis-27 ta' Lulju, 2021 (ara paġna 8 tal-atti tal-kawża) iżda ma daħħalx tweġiba fi żmien għoxrin jum kif imsemmi fl-**artikolu 64(2) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta**;

6. Fl-4 ta' Ottubru, 2021 (ara paġna 12 tal-atti tal-kawża) l-intimat Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali ressaq rikors biex jingħata żmien ħalli jkun jista' jdaħħal risposta, iżda b'deċiżjoni mogħtija fit-18 ta' Jannar, 2022 (ara paġni 19 sa 24 tal-atti tal-kawża), din it-talba ġiet miċħuda;

7. L-istadju tal-ġbir tal-provi ngħalaq fis-26 ta' Settembru, 2022 (ara paġni 43 u 44 tal-atti tal-kawża). Il-kuraturi deputati ressqu nota ta' sottomissjonijiet fl-10 ta' Novembru, 2022 (ara paġni 52 sa 57 tal-atti tal-kawża), filwaqt li l-intimati għażlu li ma jressqux waħda;

8. Inżammet l-aħħar seduta fil-31 ta' Jannar, 2023 u minn hemmhekk il-kawża tħalliet għas-sentenza sabiex tingħata llum;

***Fatti***

9. Fit-28 ta' Mejju, 2012, Anthony u Rita Brincat ippreżentaw rikors maħluf quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fl-ismijiet ***Anthony Brincat et v. Kuraturi Deputati biex jirrappreżentaw il-wirt battal ta' Salvatore Grima (Rikors Maħluf Numru 529/2012AE)*** sabiex jiġi likwidat u mħallas lilhom kumpens għas-serviġi li huma jgħidu li taw lil Salvatore Grima, meta dan kien għadu ħaj;

10. B'digriet tat-3 ta' Lulju, 2012 ġew maħtura l-avukat Renzo Porsella Flores u l-Prokuratur Legali Davina Sullivan bħala kuraturi sabiex jirrapreżentaw il-wirt battal ta' Salvatore Grima. Fost l-eċċezzjonijiet mqajma mill-kuraturi kien hemm dik li l-azzjoni attriċi kienet preskritta skont l-**artikou 2156(f) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta**;

11. Waqt il-ġbir tal-provi, Anthony u Rita Brincat ippreżentaw rapport ta' binhom Daniel Brincat, li huwa *accountant*, fejn fih dan ikkalkula li Anthony u Rita Brincat kien ħaqqhom li jitħallsu kumpens u mgħax ta' €1,462,162 għas-serviġi kollha mogħtija minnhom lil Salvatore Grima;

12. B'sentenza mogħtija fit-2 ta' Diċembru, 2015, il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili ċaħdet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni u ddeċidiet li Anthony u Rita Brincat kien ħaqqhom jirċievu kumpens għas-serviġi mogħtija minnhom fis-somma ta' €50,000, b'imgħax mid-data tas-sentenza;

13. Anthony u Rita Brincat appellaw minn din is-sentenza, b'rikors tal-appell tal-21 ta' Diċembru, 2015, għax dehrilhom li l-kumpens li kellhom jieħdu kellu jkun aktar għoli minn €50,000;

14. Il-kuraturi deputati mhux biss ikkontestaw dan l-appell iżda ressqu wkoll appell inċidentali biex l-ammont tal-kumpens mogħti mill-ewwel qorti jiġi mnaqqas;

15. B'sentenza tas-17 ta' Marzu, 2021, il-Qorti tal-Appell fl-ewwel lok ċaħdet l-appell ewlieni ta' Anthony u Rita Brincat; u fit-tieni lok laqgħet f'parti minnu l-appell inċidentali tal-kuraturi deputati, b'dana li l-kumpens dovut lill-miżżewġin Brincat ġie mnaqqas għal €10,250;

16. Fl-20 ta' Mejju, 2021, Antonella Cassar, Deputat Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali ħarġet taxxa uffiċjali tad-drittijiet u l-ispejjeż (ara paġna 3 tal-atti tal-kawża). Minn din it-taxxa jirriżulta dan li ġej: (i) li d-drittijiet tal-avukat u tal-Prokuratur Legali b'rabta mal-proċeduri ta' quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili kienu ta' €1,097.40 u €365.80; (ii) li d-drittijiet tal-avukat u tal-Prokuratur Legali b'rabta mal-appell ewlieni kienu ta' €20,225.87 u €6,741.96; u (iii) li d-drittijiet tal-avukat u tal-Prokuratur Legali b'rabta mal-appell inċidentali kienu ta' €520.70 u €173.57;

17. Mix-xiehda ta' Charmaine Buġeja, Assistent Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali (ara paġna 36 tal-atti tal-kawża) ħareġ li Marouska Baldacchino, li fiż-żmien rilevanti kienet deputat Reġistratur mal-Imħallef Anthony Ellul, kienet ħadmet it-taxxa tal-proċeduri quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fuq il-valur ta' €50,000. Is-somma ta' €50,000 kienet is-somma li ġiet likwidata mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza tagħha. Dan kollu ġie kkonfermat minn Marouska Baldacchino stess fis-seduta tas-26 ta' Settembru, 2022 (ara paġna 47 tal-atti tal-kawża);

18. Mill-banda l-oħra, dejjem mill-istess xiehda ta' Charmaine Buġeja (ara paġna 38

tal-atti tal-kawża), ħareġ li l-valur tal-proċeduri ta' quddiem il-Qorti tal-Appell inħadem fuq is-somma ta' €1,462,162, *viz*. is-somma li l-miżżewġin Brincat kienu qegħdin jippretendu bħala kumpens;

19. Billi l-kuraturi deputati qegħdin jippretendu li l-proċeduri ta' quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili kellhom jiġu intaxxati skont l-istess valur tal-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Appell, huma ressqu dan ir-rikors li qed jiġi deċiż illum;

***Konsiderazzjonijiet***

20. Din hija azzjoni taħt l-**artikolu 64 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta** sabiex it-taxxa maħruġa mir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali dwar il-kawża ***Anthony Brincat et v. Kuraturi Deputati biex jirrappreżentaw il-wirt battal ta' Salvatore Grima (Rikors Maħluf Numru 529/2012AE)*** terġa' tinħadem u tinħareġ mill-ġdid, b'mod speċifiku fejn għandu x'jaqsam mad-drittijiet tal-avukat u tal-Prokuratur Legali fil-proċeduri ta' quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili;

21. Kif ingħad f'għadd ġmielu ta' sentenzi, l-intaxxar tar-reġistru tal-qorti u tad-drittijiet tal-avukati u tal-prokuraturi legali mhuwiex att tal-qorti iżda huwa att amministrattiv imwettaq mir-Reġistratur (ara fost oħrajn ***Giovanni Galea v. Concetta Galea*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Jannar, 1920, ***Lewis Borġ v. Avv. Dr. Giuseppe V. Salomone*** deċiża mill-Prim' Awla, Qorti Ċivili fit-23 ta' Frar, 1960 u ***Avukat Dottor Carmelo Galea v. Silvio Żammit et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Lulju, 2009);

22. Min ma jaqbilx mat-taxxa maħruġa mir-Reġistratur tal-Qorti għandu rimedju taħt l-**artikolu 64 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta** biex jitlob lill-qorti tistħarreġ jekk dik it-taxxa nħadmitx sew jew le;

23. Illi biex taxxa tista' tiġi mwaqqa' b'suċċess hemm bżonn li jinġiebu raġunijiet sodi u konvinċenti (ara ***Avukat Tonio Borġ nomine vs. Aġent Reġistratur tal-Qrati et***

deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-4 ta' Frar, 1994) u dan il-piż tal-prova jaqa' fuq min ikun qiegħed jallega li t-taxxa nħadmet ħażin (ara ***Isabelle Micallef v. Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Mejju, 2019);

24. Kif ingħad aktar kmieni, il-kuraturi qegħdin jargumentaw f'dan il-każ li l-proċeduri ta' quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili kellhom jiġu intaxxati skont l-istess valur ta' €1,462,162, kif intaxxat fil-proċeduri tal-Qorti tal-Appell. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom, il-kuraturi jisħqu li quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, Anthony u Rita Brincat kienu qegħdin jippretendu li jirċievu kumpens ta' €1,462,162 u għalhekk skont il-**paragrafi 13 u 14 tat-Tariffa E ta' Skeda A**, mehmuża mal-**Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta**, il-valur tal-kawża kellu jinħadem fuq dan l-ammont u mhux fuq l-ammont ta' €50,000 li ġie likwidat mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza tagħha;

25. Il-qorti taqbel hawnhekk ma' dak li qegħdin jgħidu l-kuraturi. Tassew skont il-**paragrafu 14 tat-Tariffa E** fuq imsemmija, «*Meta dikjarazzjoni li jkun fiha deċiżjoni ta' xi punt ta' liġi jew ta' fatt, ikollha x'taqsam ma' valur determinat jew determinabbli skont il-liġi jew mill-proċess, id-dritt relattivament għal dik id-deċiżjoni jkun intaxxat skont il-paragrafu 13, fuq il-valur hekk stabbilit*.»;

26. Għalkemm huwa minnu dak li qalet Marouska Baldacchino waqt ix-xiehda tagħha, jiġifieri, li fir-rikors maħluf tagħhom, Anthony u Rita Brincat ma kienu semmew l-ebda ammont speċifiku ta' kumpens u ħallew f'idejn il-qorti biex tillikwida l-kumpens li kien jistħoqqilhom jieħdu, madankollu huwa minnu wkoll li mill-atti tal-proċess jirriżulta li Anthony u Rita Brincat kienu ppreżentaw rapport ta' *accountant,* li kien jgħid li huma kienu qegħdin jippretendu li l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili kellha tagħtihom kumpens totali ta' €1,462,162. Ifisser għalhekk li għalkemm il-valur tal-kawża kien tabilħaqq wieħed indeterminat meta tressaq ir-rikors maħluf, dan il-valur però sar wieħed determinabbli mill-proċess wara li l-miżżewġin Brincat ippreżentaw dan ir-rapport tal-*accountant* tagħhom;

27. Jgħodd ħafna hawnhekk dak li ntqal dan l-aħħar mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza ***Fair Trading Limited v. Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali et*** deċiża fis-26 ta' Ottubru, 2022, li,

> *«Il-ġurisprudenza tagħna tgħallem li għalkemm l-attur f'kawża jkun talab somma indeterminata, però f'xi skrittura jew fl-atti tal-proċeduri jkun hemm tirriżulta somma, jew wieħed jista' xort'oħra jislet is-somma tal-pretensjoni attriċi, allura t-tassazzjoni ssir fuq dik is-somma.»*

28. Sewwasew f'dan il-każ, il-valur tal-kawża li kienet qiegħda tiġi missielta bejn il-partijiet fil-proċeduri quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, kienet waħda faċilment determinabbli għall-għanijiet tal-**paragrafu 14 tat-Tariffa E** mir-rapport tal-*accountant*, li ġie ppreżentat bħala parti mill-provi mill-miżżewġin Brincat waqt il-kawża, fejn hemm indikat il-valur ta' €1,462,162;

29. Tassew jidher li anke r-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali stess bħal donnu jagħraf li l-valur tal-kawża kellu jinħadem fuq l-ammont ta' €1,462,162 għaliex għall-għanijiet tal-proċeduri tal-appell huwa mexa fuq dan il-valur u mhux fuq il-valur likwidat mill-ewwel qorti (ara f'dan is-sens ukoll is-sentenza ***L-Avukat Dottor John Bonello et v. Direttur, Qrati Ċivili u Tribunali et*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-15 ta' Diċembru, 2021 fejn hemmhekk ukoll kien hemm differenza bejn il-valur intaxxat quddiem l-ewwel qorti u l-valur intaxxat quddiem il-Qorti tal-Appell);

30. Il-kuraturi deputati għalhekk għandhom raġun jitolbu biex it-taxxa maħruġa mir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali, fejn għandu x'jaqsam mad-drittijiet tal-avukat u tal-Prokuratur Legali quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tiġi mħassra u tinħareġ mill-ġdid. Naturalment dan kollu bi spejjeż għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali għaliex kien hu li ħadem it-taxxa b'mod ħażin;

***Deċiżjoni***

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija din il-qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi dawn il-proċeduri billi **tilqa'** t-talba tal-avukat Renzo Porsella Flores u tal-Prokuratur Legali Davina Sullivan sabiex it-taxxa li tolqot id-drittijiet tagħhom fil-proċeduri ta' quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fl-ismijiet ***Anthony Brincat et v. Kuraturi Deputati (Rikors Maħluf Numru 529/2012AE)*** tinħadem u tinħareġ mill-ġdid mir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali, b'dana li l-valur tal-kawża għandu jinħadem fuq is-somma ta' €1,462,162, li huwa determinabbli mill-atti tal-proċess.

L-ispejjeż kollha ta' din il-kawża għandhom jitħallsu mir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali.

---

**Christian Falzon Scerri**
**Imħallef**

---

**Mary Josephine Musu**
**Deputat Reġistratur**